MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012

Numru. 293/2009

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Sarah Ann Gatt detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 463780 (M).

**Akkuzata talli:**

1. F'Jannar 2009 u x-xhur ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalfiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh b'qerq ta` aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-deteriment ta` YAL Home & Electronics;

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura ta` bank privat, b'falsifikazzjoni fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbigi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati;

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falsa msemmija fl-Artikolu 183 tal-Kodici kriminali.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat u ezaminat il-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310 (1) (a), 183, 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fuq rapport ta` certu Adrian Galea, il-Prosekuzzjoni istitwit proceduri kriminali kontra Sarah Ann Gatt talli f'Jannar, 2009, din xtrat kwantita` ta` DVDs u screens minghandu bil-prezz ta` erbatax il-elf u sebgha mija u wiehed u ghoxrin ewro (€14.721) u halsitu permezz ta` cheque fuq kont tal-Bank illi ma kellux flus, mhux funded. Fatt illi l-imputat stess ammettiet fix-xhieda taghha. Hija, sussegwentement, halset lura l-ammont ta` elf ewro

(€1,000) lil Adrian Galea, kif ammetta l-istess Galea. Jirrizulta wkoll illi l-kont tal-Bank li fuqu kien hareg ic-cheque kien inghalaq mill-bank f'Awissu 2008 u minn "overdraft" account huwa kien inqaleb f' "loan" account.

Illi, fis-seduta tal-20 ta` Mejju, 2009, l-imputata, minn raghja, ammettiet it-tieni akkuza migjuba kontra taghha u sosteniet tali ammissjoni wara li nghatat iz-zmien sabiex tahsibha.

Illi, wara ezami tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, u cioe` l-ispettur Yvonne Farrugia, Adrian Galea, WPC 249 u rapprezentanti tal-Bank of Valletta kif ukoll Dr. Claudine Fenech mir-Registry of Companies u wara li rat l-istqarrija volontarja tal-imputata, dina l-Qorti hija konvinta illi l-allegazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni gew sodisfacentement ippruvati oltre kull dubju ragonevoli.

Waqt illi n-negozju li sar ma` Adrian Galea li jinnegozja taht l-isem ta` YAL Home & Electronics sar mad-ditta Phonic Ltd., li l-uniku raprezentant / direttur taghha huwa r-ragel tal-imputata Jean Pierre Gatt, l-imputata ammettiet u Adrian Galea xehed illi c-cheque in pagament tal-erbatax il-elf u sebgha mija u wiehed u ghoxrin ewro (€14,721) dovuta kien gie ffirmat mill-istess imputata. Jirrizulta ukoll li kienet l-imputata li, wahedha, kienet tmexxi n-negozju ghan-nom ta` Phonic Ltd.

Il-Qorti tinnota illi din il-kawza ilha differita ghall-provi tad-difiza u trattazzjoni sa mis-seduta tat-18 ta` Ottubru tas-sena 2010 u cioe` kwazi sentejn (2) li fihom ma sar xejn. Id-difiza inghatat kull opportunita li taghmel dan.

Din il-Qorti ssib lill-imputata hatja u ghaldaqstant tikkundannaha ghal perjodu ta` sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1) ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Din il-Qorti tordna lill-imputata li thallas is-somma hekk likwidita ta` tlettax il-elf u sebgha mija u wiehed u ghoxrin ewro (€13,721) lil Adrian Galea fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------